



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0027/2024**

2.2.2024

# **RAPPORT**

dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Ioannis Lagos  
(2023/2092(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sergey Lagodinsky

**WERREJ**

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	5
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	6

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Ioannis Lagos (2023/2092(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Ioannis Lagos, imressqa mill-Viċi Prosekutur Pubbliku fi ħdan il-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Ateni, ippreżentata b'ittra ddatata l-31 ta' Mejju 2023 mill-Viċi Prosekutur tal-Qorti Suprema (Areios Pagos) tal-Greċja b'rabta ma' akkużi kriminali possibbli (bir-referenza ABM: RB 2022/13-EG: 104-23/3), u mħabbra fis-seduta plenarja fl-14 ta' Ġunju 2023,
  - wara li sema' lil Ioannis Lagos, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0027/2024),
- A. billi l-Viċi Prosekutur Pubbliku fi ħdan il-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Ateni ppreżenta talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Ioannis Lagos bil-għan li jiftaħ proċediment kriminali kontri minħabba dikjarazzjoni li tella' fuq l-internet;
- B. billi, fl-1 ta' Marzu 2022, Ioannis Lagos ippubblika messaġġ fuq is-sit web tal-partit tiegħu li allegatament ikkostitwixxa inċitament pubbliku għall-vjolenza jew għall-mibegħda fil-konfront ta' grupp ta' persuni identifikat abbażi tal-oriġini nazzjonali, tar-reliġjon jew tal-orjentament sesswali bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Liġi Griega Nru 927/1979, kif emendata bil-Liġijiet Griegi Nru 4285/2014 u Nru 4491/2017;
- C. billi, fit-2 ta' Marzu 2022, l-Osservatorju Grieg tal-Ftehim ta' Helsinki għarraf lill-Qorti ta' Prim'Istanza ta' Ateni, għal skopijiet ta' informazzjoni u ta' azzjoni neċessarja, bil-messaġġ li tella' Ioannis Lagos il-ġurnata ta' qabel;
- D. billi, fl-1 ta' Marzu 2022, Ioannis Lagos, waqt is-seduta plenarja tal-Parlament Ewropew, ħa' sehem fil-votazzjoni tal-mozzjoni għal rizzoluzzjoni dwar l-aggressjoni

<sup>1</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

Russa kontra l-Ukrajna u billi, dakinhar stess, wara l-votazzjoni, ippubblika fuq is-sit web tal-partit tiegħu, dikjarazzjoni intitolata “La se nbiġh u lanqas se nittradixxi l-prinċipji tiegħi u dak li nemmen fih”, li fiha spjega r-raġunijiet wara l-vot tiegħu;

- E. billi, huwa u jagħmel dik id-dikjarazzjoni, Ioannis Lagos huwa allegatament ħati ta' inċitament pubbliku għall-vjolenza u għall-mibegħda fil-konfront ta' grupp ta' persuni identifikat abbażi tal-oriġini nazzjonali, tar-reliġjon jew tal-orjentament sesswali, li jikkostitwixxi reat skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Griega Nru 927/1979, kif emendata bil-Liġijiet Griegi Nru 4285/2014 u Nru 4491/2017;
  - F. billi l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;
  - G. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala “akkużat”;
  - H. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, jiddikjara li l-“Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom”;
  - I. billi dikjarazzjoni magħmula minn Membru barra mill-Parlament Ewropew tista' tikkostitwixxi opinjoni espressa fil-qadi ta' dmirijietu fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll, meta jkun fiha valutazzjoni suġġettiva li jkollha rabta diretta u evidenti mal-qadi tad-dmirijiet ta' dak il-Membru fil-Parlament Ewropew; billi jekk dan hux il-każ jew le jrid għalhekk jiġi stabbilit abbażi tan-natura u tal-kontenut tad-dikjarazzjoni u mhux abbażi tal-post fejn din tkun saret;
  - J. billi illum il-ġurnata d-dibattitu politiku li fih jipparteċipaw il-Membri tal-Parlament Ewropew, fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom, qiegħed isir dejjem aktar barra mill-bini tal-Parlament, anki fuq l-internet;
  - K. billi, f'dan il-kuntest, huwa ċar li d-dikjarazzjoni ppubblikata minn Ioannis Lagos saret fil-kapaċità tiegħu ta' Membru tal-Parlament Ewropew u billi jista' jitqies li teżisti rabta diretta u evidenti bejn id-dikjarazzjoni f'eżami u l-mandat parlamentari ta' Ioannis Lagos;
1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta' Ioannis Lagos;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Ellenika u lil Ioannis Lagos.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Gunnar Beck, Ilana Cicurel, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jorge Buxadé Villalba, Pascal Durand, Angelika Niebler, Witold Pahl, Nacho Sánchez Amor, Jana Toom
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Benoît Biteau, Christian Ehler